

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Rikonoxximent U Infurzar Tad-deċiżjonijiet Tal-qorti](#) > [Kif Tinforza Deċiżjoni Ta' Qorti](#) > [Spain](#)

## Kif tinforza deċiżjoni ta' qorti



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

### 1 Xi tfisser eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

B'mod ġenerali, l-eżekuzzjoni ċivili u dik kummerċjali jfissru li, meta l-awtur ta' ksur jonqos milli jħares minn jeddu deċiżjoni eżekuttiva (bħal sentenza finali), il-pretendent irid jitlob għal eżekuzzjoni ġudizzjarja sabiex jiżgura li d-deċiżjoni tkun imħarsa. Pereżempju, sabiex jirkupra dejn li l-konvenut ikollu jħallas b'ordni mill-qorti iżda li ma jħallasx, il-pretendent (il-kreditur) iressaq talba għal eżekuzzjoni ġudizzjarja u jikseb l-irkupru permezz ta' mandat ta' sekwestru fuq il-kontijiet kurrenti tad-debitur jew mandat ta' qbid tal-proprjetà immobbli tad-debitur li, ladarba tinbiegħ b'subbasta, tippermetti li r-rikavat mis-subbasta jintuża biex jitħallas l-ammont dovut lill-kreditur.

L-eżekuzzjoni hija parti mir-rispons għall-mandat tal-Kostituzzjoni ta' Spanja tal-1978, li jinkariga lill-imħallfin u lill-qorti bil-kompitu li joħroġu s-sentenzi kif ukoll tal-eżekuzzjoni tagħhom (l-Artikoli 117 u 118 tal-Kostituzzjoni). Għalhekk, il-partijiet involuti fil-proċedimenti għandhom l-obbligu li jikkonformaw mas-sentenzi u ma' deċiżjonijiet oħrajn tal-qorti, kif ukoll li jipprovdu l-kooperazzjoni meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dak li jkun ġie deċiż. Sta għall-imħallef li jiddeċiedi li dawn ir-reqwiziti jkunu ssodisfati b'mod xieraq.

L-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-qorti tfisser li dak li jkun ġie ordnat mill-qorti jitħares, jiġifieri l-eżekuzzjoni tad-dritt fl-intier tiegħu akkwiżit mill-parti li s-sentenza tkun inqatgħet favuriha. Dan jista' jinvolvi li l-pretendent (minn hawn 'il quddiem "il-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni" [*ejecutante*]) jitlob, skont xi tkun l-ordni, ir-rimborż ta' somma flus, id-dritt li azzjoni ssir jew ma ssirx, eż. xogħol ta' bini, jew li dritt rikonoxxut ikun rispettatt permezz tar-reġistrazzjoni fir-reġistru pubbliku rilevanti.

L-eżekuzzjoni tista' tkun finali jew provviżorja. Fil-każ tal-aħħar u taħt ċerti ċirkostanzi, sentenza li ma tkunx għadha waħda finali tiġi eżegwita sabiex il-kreditur ma jitħallix iġarrab telf matul il-perjodu *interim* (jiġifieri tul l-istadji proċedurali tal-azzjoni kontra dik id-deċiżjoni u sakemm tinħareġ id-deċiżjoni finali) minħabba d-dewmien inerenti fil-proċedimenti (l-Artikoli 524-537 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili [*Ley de Enjuiciamiento Civil*]).

### 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

Il-leġiżlazzjoni ta' Spanja tassenja l-eżekuzzjoni tas-sentenzi lill-imħallfin u lill-qorti, f'konformità mal-liġijiet u mar-regola dwar il-ġuriżdizzjoni (l-Artikolu 117(3) tal-Kostituzzjoni ta' Spanja).

F'konformità mal-Kostituzzjoni u skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (il-Liġi 1/2000, tas-7 ta' Jannar 2000, BOE Nru 7, tat-8 ta' Jannar 2000, kif emendata), li jirregola l-proċedura ta' eżekuzzjoni f'materji ċivili, l-imħallef huwa inkarigat mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni kif suppost tal-proċedura ta' eżekuzzjoni (l-Artikoli 545, 551, 552 u d-dispożizzjonijiet korrispondenti). Huwa l-imħallef dak li, malli ssir it-talba tal-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni, jagħti bidu għall-proċedura permezz tat-titolu ta' eżekuzzjoni ġenerali li jinħareġ malli t-titolu eżekuttiv ikun ġie rivedut. L-imħallef joħroġ ukoll deċiżjoni jekk il-konvenut (minn hawn 'il quddiem "id-debitur kanonizzat" [*ejecutado*]) joġġezzjona għall-eżekuzzjoni u jibda l-proċediment ta' oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni speċifiku stipulat hawn isfel.

Ir-reġistraturi (*letrados de la administración de justicia*) huma inkarigati biex jiddeterminaw u jadottaw il-miżuri ta' eżekuzzjoni speċifiċi (talbiet għal pagamenti, sekwestru tal-beni tad-debitur kanonizzat, tnaqqis mill-kontijiet kurrenti, salarji, eċċ.). Ladarba t-titolu eżekuttiv ġenerali jkun inħareġ mill-imħallef, huwa għalhekk ir-reġistratur li jimmonitorja l-proċedura ta' eżekuzzjoni u jadotta d-deċiżjonijiet korrispondenti, għalkemm f'xi każijiet jista' jittressaq appell quddiem l-imħallef kontra dawk id-deċiżjonijiet.

### 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

B'mod ġenerali, jeftieg li jkun hemm sentenza finali jew deċiżjoni tal-qorti, jew kwalunkwe titolu eżekuttiv ieħor li jippermetti l-eżekuzzjoni (jeżistu eċċezzjonijiet meta deċiżjoni ma tkunx għadha waħda finali iżda tkun eżekuttiva, bħall-implimentazzjoni provviżorja tas-sentenzi kkontestati, li hija permessa f'ċerti ċirkostanzi).

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 517 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili rigward il-proċedura ta' eżekuzzjoni u t-titoli eżekuttivi, it-talba għal eżekuzzjoni trid tkun ibbażata fuq titolu li jkun eżekuttiv. Dawn it-titoli biss huma eżekuttivi:

1. *Sentenza finali.*
2. *Deċiżjonijiet ta' arbitraġġ u ftehimiet ta' medjazzjoni. Il-ftehimiet ta' medjazzjoni jridu jkunu rreġistrati skont id-Dritt dwar il-Medjazzjoni f'Materji Ċivili u Kummerċjali (Ley de Mediación en Asuntos Civiles y Mercantiles).*
3. *Id-deċiżjonijiet tal-qorti li japprovaw jew jikkonfermaw soluzzjonijiet u ftehimiet bil-qorti matul il-proċedimenti, akkumpanjati jekk ikun hemm bżonn, mix-xhieda korrispondenti sabiex jitħalla rekord tal-kontenut effettiv.*
4. *Atti pubbliċi, dment li jkunu l-ewwel kopja. Jekk dawn ikunu t-tieni kopja, iridu jinħarġu permezz ta' ordni tal-qorti b'referenza għall-persuna li se ġġarrab dannu, jew għall-persuna li qed tikkaġuna d-dannu, jew iridu jinħarġu bil-ftehim tal-partijiet kollha.*
5. *Poloz ta' ftehimiet kummerċjali ffirmati mill-partijiet u minn sensar kummerċjali li jkun membru ta' assoċjazzjoni professjonali u li jkun spezzjonahom, dment li jkunu akkumpanjati minn ċertifikat li fih is-sensar jiċċertifika li l-kuntratt jaqbel mal-entrati u mad-dati tagħhom fir-reġistru tiegħu/tagħha.*
6. *Titoli ta' pussess jew irreġistrati maħruġa b'mod legali li jirrappreżentaw l-obbligi dovuti u l-kupuni, pagabbli wkoll, fuq dawk it-titoli, dment li l-kupuni jkunu jikkorrispondu għat-titoli u li t-titoli, fi kwalunkwe każ, ikunu jaqblu mal-kotba tal-irċevuti.  
Eċċezzjoni ta' falsifikazzjoni tat-titoli ppreżentati matul il-proċess ta' tqabbil ma jimpedix il-ħruġ tat-titolu ta' eżekuzzjoni jekk l-oġġetti jkunu jaqblu, mingħajr preġudizzju għall-oġġezzjoni sussegwenti għall-eżekuzzjoni li d-debitur jaf iressaq, billi jargumenta li t-titolu huwa ffalsifikat.*
7. *Ċertifikati mhux skaduti maħruġa mill-korpi inkarigati mir-reġistri li juru t-titoli rrappreżentati mill-entrati fil-kotba msemmija fil-Liġi dwar is-Suq Azzjonarju (Ley del Mercado de Valores) dment li jkunu akkumpanjati minn kopja tal-att pubbliku li jirrappreżenta t-titoli jew, meta jkun applikabbli, il-ħruġ, meta att bħal dan ikun mitlub mil-leġiżlazzjoni tal-mument.  
Iċ-ċertifikati msemmija fil-paragrafu preċedenti ma jiskadux għaladarba tkun intalbet u ġiet ordnata l-eżekuzzjoni.*
8. *L-ordni tal-qorti li tistabbilixxi l-ammont massimu li jista' jintalab bħala kumpens, maħruġa skont il-kundizzjonijiet stipulati skont il-liġi fil-proċedimenti kriminali mibdija f'rabta ma' avvenimenti koperti minn assigurazzjoni obbligatorja għal responsabbiltà ta' parti terza ta' vetturi bil-mutur.*
9. *Atti u deċiżjonijiet ta' proċedura eżekuttivi oħra taħt din il-liġi jew taħt liġi oħra.*

#### 3.1 Il-proċedura

Għall-bqija, il-proċedura hija stabbilita fl-Artikoli 548 et seq. tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; għandu jiġi nnotat li t-titolu ta' eżekuzzjoni jinħareġ biss fuq talba ta' waħda mill-partijiet u jkun f'għamla ta' talba, kif diskuss aktar 'l isfel. Ladarba t-talba għal eżekuzzjoni tkun ġiet ippreżentata lill-qorti, u dment li jkunu ssodisfati r-regoli u r-rekwiżiti proċedurali, il-qorti tfassal it-titolu ta' eżekuzzjoni ġenerali. Wara li jinħareġ it-titolu mill-imħallef, ir-reġistratur joħroġ digriet li jkun fih il-miżuri ta' eżekuzzjoni speċifiċi xierqa, kif ukoll il-miżuri tal-intraċċar u tal-investigazzjoni marbuta mal-assi tad-debitur kanonizzat li jitqiesu xierqa għall-eżekuzzjoni.

Tinħareġ notifika tat-titolu u d-digriet li jissemmew hawn fuq, flimkien ma' kopja tat-talba għal eżekuzzjoni, għad-debitur kanonizzat, għalkemm jistgħu jkunu adottati ċerti miżuri sabiex il-kreditur ikun protett minn danni

potenzjali.

Id-debitur kanonizzat jista' joġġezzjona għall-eżekuzzjoni abbażi ta' raġunijiet speċifiċi, sostantivi (pereż. pagament tad-dejn) jew inkella proċedurali (pereż. jekk ikun hemm xi żbalji fit-titolu ppreżentat), f'konformità mal-Artikolu 556 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. F'dan il-każ, tinbeda proċedura kontenzjuża, li tagħti lok għall-analiżi tal-evidenza, u li tintemm bil-ħruġ ta' titolu li jikkonferma t-titolu ta' eżekuzzjoni jew inkella jrendih null u bla effett kollu kemm hu jew parzjalment. Din id-deċiżjoni hija soġġetta għal appell quddiem il-Qorti Provinċjali (*Audiencia Provincial*) korrispondenti.

### 3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Kif indikat aktar 'il fuq, talba ta' eżekuzzjoni trid issir fuq talba tal-parti kkonċernata billi titressaq il-pretensjoni li fiha jkun hemm it-talba għal eżekuzzjoni. It-talba għall-eżekuzzjoni jrid ikun fiha t-titolu li fuqu tkun ibbażata l-eżekuzzjoni, trid tindika l-eżekuzzjoni mitluba mill-qorti, l-assi tad-debitur kanonizzat li huma eliġibbli għas-sekwestru, il-miżuri tal-intraċċar u tal-investigazzjoni għall-identifikar tal-assi tad-debitur, u l-persuna jew il-persuni li fil-konfront tagħhom trid titwettagħ l-eżekuzzjoni, bi prova uffiċjali tal-identità tagħhom. Jekk it-titolu eżekuttiv ikun deċiżjoni li tinħareġ mir-reġistratur jew sentenza jew deċiżjoni maħruġa mill-qorti responsabbli għall-eżekuzzjoni, it-talba għall-eżekuzzjoni titlob il-ħruġ ta' ordni ta' eżekuzzjoni, li tidentifika s-sentenza jew id-deċiżjoni li trid tiġi eżegwita (l-Artikolu 549 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), filwaqt li f'każijiet oħra, it-talba għall-eżekuzzjoni trid titressaq flimkien mad-dokumenti li fuqhom tkun ibbażata l-eżekuzzjoni (elenkati fl-Artikolu 550 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Jekk it-talba għal eżekuzzjoni tkun tissodisfa r-rekwiżiti msemmija hawn fuq u jekk it-titolu ppreżentat ikun wieħed li jippermetti li tingħata ordni ta' eżekuzzjoni, l-ordni ta' eżekuzzjoni tingħata mill-imħallief jew permezz ta' digriet mir-reġistratur, li jiddetermina — f'każ ta' eżekuzzjoni monetarja — l-ammont li jikkostitwixxi s-somma tal-kapital tal-eżekuzzjoni, flimkien mal-ammont stabbilit b'mod provviżorju għall-imgħax u għall-kostijiet, mingħajr preġudizzju għas-saldu u l-aġġustament sussegwenti tiegħu, u jrid dejjem jidentifika l-persuni kkonċernati u l-miżuri ta' eżekuzzjoni li jridu jiġu adottati.

## 4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi

### 4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?

Għalkemm hemm ċerti assi li ma jistgħux ikunu suġġetti għal eżekuzzjoni ta' sekwestru kif imsemmija hawn taħt, għandu dejjem jinsaħaq li l-miżuri ta' eżekuzzjoni jridu jkunu proporzjonali mal-ammont li għalih tingħata l-eżekuzzjoni. Għalhekk, jekk dawn jitqiesu bħala eċċessivi, il-qorti tkun tista' tordna li jitnaqqsu. Barra minn hekk, jekk ma jkunux biżżejjed, il-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni tkun tista' tapplika sabiex dawn ikunu kkumplimentati billi jitwessgħu jew jiżdienu l-miżuri adottati. Meta l-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni ma tkunx taf x'inhuma l-assi ta' proprjetà tad-debitur kanonizzat, il-qorti tista' tintalab tistħarreġ. L-istħarriġ isir mir-reġistratur b'mod dirett mill-qorti jew inkella billi jitressqu rikjesti lill-awtoritajiet kompetenti. Madankollu, hemm sensiela ta' skali jew limitazzjonijiet għas-sekwestri fuq il-pagi u s-salarji li jinsabu elenkati hawn taħt. L-eżekuzzjoni li tirriżulta minn ordni sabiex jitħallas il-manteniment (stabbilita jew fi proċediment ta' manteniment bejn il-qraba jew inkella fi proċediment responsabbiltà tal-ġenituri li jkopri pagamenti ta' manteniment dovuti lill-ulied) hija eċċezzjoni, billi f'dawn il-każijiet l-eżekuzzjoni ma hijiex soġġetta għall-iskali statutorji; minflok, il-qorti tiddetermina l-ammont li jista' jiġi ssekwestrat (l-Artikolu 608 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Fir-rigward tal-assi li ma jistgħux jiġu ssekwestrati, l-Artikoli 605 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jiddikjaraw dan li ġej (ir-referenzi għall-"iskrivan tal-qorti" għandhom jinftehem bħala referenzi għar-reġistratur):

*Artikolu 605. Assi li ma jistgħux jiġu ssekwestrati.*

*Fl-ebda ċirkostanza dawn l-assi li ġejjin ma għandhom ikunu suġġetti għal eżekuzzjoni ta' sekwestru:*

- 1. Assi li jkunu ġew iddikjarati bħala inaljenabbli.*
- 2. Drittijiet anċillari li ma jistgħux ikunu aljenati separatament mid-dritt prinċipali.*
- 3. Assi li minnhom infushom ma għandhom l-ebda valur.*
- 4. Assi li ġew iddikjarati espressament bħala li ma jistgħux jiġu ssekwestrati minn dispożizzjoni legali.*

Artikolu 606. Assi tad-debitur kanonizzat li ma jistgħux jiġu ssekwestrati.

L-oġġetti li ġejjin lanqas ma jistgħu jiġu ssekwestrati:

Għamara u oġġetti tad-dar, kif ukoll l-ilbies tal-parti li fil-konfront tagħha qed tintalab eżekuzzjoni, jew dawk tal-familja tagħha li ma jistgħux jitqiesu bħala superfluwi. B'mod ġenerali, oġġetti bħal ikel, karburant u oġġetti oħrajn li skont il-fehma tal-qorti jkunu essenzjali sabiex id-debitur kanonizzat u d-dipendenti tagħhom ikunu jistgħu jgħixu f'dinjità raġonevoli.

Il-kotba u l-istrumenti li jkun jeħtieġ id-debitur kanonizzat sabiex jipprattika l-professjoni, l-arti jew is-sengħa tiegħu, meta l-valur tagħhom ma jkunx proporzjonat mal-ammont tad-dejn mitlub.

Oġġetti sagri u oġġetti li jintużaw biex ikunu prattikati reliġjonijiet rreġistrati legalment.

Ammonti li ġew iddikjarati espressament bħala li ma jistgħux jiġu ssekwestrati mil-liġi.

Assi u ammonti ddiġjarati bħala li ma jistgħux jiġu ssekwestrati skont it-Trattati ratifikati minn Spanja.

Artikolu 607. Sekwestru tal-pagi u tal-pensjonijiet

1. Salarji, pagi, pensjonijiet, emolumenti jew l-ekwivalenti tagħhom li jkunu taħt l-ammont stabbilit għall-paga minima għandhom ikunu eżenti mill-qbid.

2. Salarji, pagi, remunerazzjoni jew pensjonijiet li jkunu oġġetti mill-paga minima jistgħu jiġu maqbuda skont din l-iskala:

- Għall-ewwel ammont addizzjonali sal-ammont ekwivalenti għad-doppju tal-paga minima, 30 %.
- Għall-ammont addizzjonali sal-ammont ekwivalenti għat-triplu tal-paga minima, 50 %.
- Għall-ammont addizzjonali sal-ammont ekwivalenti għal erba' darbiet il-paga minima, 60 %.
- Għall-ammont addizzjonali sal-ammont ekwivalenti għal ħames darbiet il-paga minima, 75 %.
- Għal kull ammont li jaqbeż l-ammont ta' hawn fuq, 90 %.

3. Jekk il-parti li fil-konfront tagħha tkun qed tintalab eżekuzzjoni tirċievi aktar minn salarju jew paga waħda, dawn kollha jingħaddu flimkien u l-parti li ma tistax tiġi ssekwestrata titnaqqas darba biss. Sakemm ma jkunx hemm patrimonji separati għall-konjuġi, u tingħata prova ta' dan lill-iskrivan tal-qorti, is-salarji, l-pagi u l-pensjonijiet, l-emolumenti jew l-ekwivalent tal-konjuġi għandhom jingħaqdu.

4. Jekk il-parti li fil-konfront tagħha tkun qed tintalab eżekuzzjoni jkollha d-dipendenti, ir-reġistratur jista' jnaqqas b'bejn 10 % sa 15 % il-persentaġġi stipulati fil-punti 1, 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

5. Jekk is-salarji, il-pagi, il-pensjonijiet jew ir-remunerazzjoni jkunu ġew gravati bi tnaqqis permanenti jew temporanji ta' natura pubblika skont il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali jew it-taxxa, l-ammont nett riċevut mid-debitur kanonizzat wara dak it-tnaqqis ikun l-ammont użat bħala l-bażi għall-iddeterminar tal-ammont li għandu jinqabad.

6. Il-paragrafi preċedenti ta' dan l-Artikolu għandu japplika għad-dħul mill-attivitajiet professjonali u kummerċjali mwettqa fuq bażi ta' ħaddiem għal rasu.

7. L-ammonti maqbuda f'konformità ma' din id-dispożizzjoni jistgħu jiġu trasferiti direttament lill-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni, f'kont li jkun ġie stabbilit minn qabel minn dik il-parti, jekk tingħata approvazzjoni mir-reġistratur inkarigat mis-sekwestru.

F'dak il-każ, kemm il-persuna jew il-korp li jkun qiegħed jeżegwixxi l-qbid u t-trasferiment sussegwenti, kif ukoll il-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni, iridu jgħarrfu lill-iskrivan tal-qorti kull tliet xhur bl-ammont mibgħut u riċevut, rispettivament, bl-eċċezzjoni ta' xi pretensjonijiet li jistgħu jitressqu mill-parti li fil-konfront tagħha tkun qed tintalab eżekuzzjoni, jew għaliex huma jqisu li d-dejn ikun intradd kollu kemm hu lura, u għaldaqstant dan jinvalida s-sekwestru, jew inkella għaliex il-qbid u t-trasferimenti ma kinux qegħdin jiġu eżegwiti kif stipulat mir-reġistratur.

L-ordni li tinħareġ mir-reġistratur li tippermetti t-trasferiment dirett tista' tkun ikkontestata billi jitressaq appell

*dirett għal reviżjoni quddiem il-qorti.*

Skont id-Digriet-Liġi 8/2011 tal-1 ta' Lulju 2011 dwar miżuri ta' appoġġ għal debituri ipotekarji, li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Lulju 2011, qiegħda ssir kjarifika fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. L-Artikolu 1 tad-Digriet Liġi 8/2011 jistabbilixxi:

*Artikolu 1. Eżenzjoni mis-sekwestru tad-dħul familjari minimu.*

*"Jekk, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 129 tad-Dritt Ipotekarju [Ley Hipotecaria], il-prezz miksub mill-bejgħ tar-residenza abitwali ipotekata, wara l-eżekuzzjoni b'rabta ma' dak id-dejn, ma jkunx biżżejjed biex ikopri s-self garantit, l-ammont eżenti mis-sekwestru stipulat fl-Artikolu 607(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jiżdied b'50 % u, jerġa' jiżdied bi 30 % oħra tal-paga minima għal kull membru tal-unità domestika li ma jirċevix dħul regolari, salarju jew pensjoni ta' ammont ogħla mill-paga minima. Għal dawk l-iskopijiet, l-unità domestika tfigħer il-konjuġi jew il-koabitant barra ż-żwieġ u l-axxendenti u d-dixxendenti tal-ewwel grad ta' parentela li jgħixu mad-debitur kanonizzat.*

*Is-salarji, il-pagi, ir-rimunerazzjoni jew il-pensjonijiet ta' ammont ogħla mill-paga minima u, fejn applikabbli, l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tad-dispożizzjoni stipulata fil-paragrafu ta' hawn fuq dwar il-protezzjoni tal-unità domestika, jiġu sekwestrati skont l-iskala stabbilita fl-Artikolu 607(2) tal-liġi msemmija hawn fuq."*

#### 4.2 X'inhuma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?

Fil-każ ta' proprjetà immobbli jew assi oħra li jistgħu jkunu rreġistrati, il-qorti tista', fuq it-talba tal-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni, toħroġ ordni għal annotazzjoni ta' inibizzjoni li tkun trid tiddaħħal fir-reġistru pubbliku korrispondenti (normalment ir-Reġistru tal-Proprietà, li huwa r-reġistru għall-proprjetà immobbli) sabiex tiggarrantixxi l-eżekuzzjoni sussegwenti.

F'każijiet oħra, jistgħu jinħarġu dawn il-miżuri li ġejjin:

- Kontanti: konfiska.
- Kontijiet kurrenti: ordni ta' preservazzjoni lill-bank.
- Pagi: mandat ta' sekwestru lill-pagatur.
- Imgħax, rikavat u dħul: żamma mill-pagatur, amministrazzjoni ġudizzjarja jew depożitu ġudizzjarju.
- Titoli u strumenti finanzjarji: żamma tal-imgħax f'ras il-għajn, notifika lir-regolatur tal-borża jew tas-suq sekondarju (jekk it-titoli jkunu kkwotati f'suq pubbliku) u notifika lill-kumpanija emittenti.
- Beni mobbli oħra: konfiska.

Barra minn hekk, sabiex ikun żgurat li ssir l-eżekuzzjoni, il-persuni u l-korpi pubbliċi u privati kollha huma obbligati li jikkooperaw mal-miżuri tal-eżekuzzjoni (bi twissija li jistgħu jeħlu multa jew anki jinżammu responsabbli għal disprezz tal-qorti jekk jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżit). Dan ifisser li jridu jipprovdu l-informazzjoni mitluba lilhom jew jadottaw il-miżuri ta' garanzija inkwistjoni, u dawn iridu jgħaddu lill-qorti kull dokument jew data fil-pussess tagħhom, mingħajr ebda limitu għajr għal-limiti li jirriżultaw mill-ħarsien tad-drittijiet fundamentali jew limiti li huma espressament stipulati skont il-liġi f'ċerti każijiet.

#### 4.3 X'inhuma l-validi ta' miżuri bħal dawn?

Il-miżuri ta' eżekuzzjoni ma għandhom l-ebda durata stabbilita; jibqgħu fis-seħħ sakemm tintemm l-eżekuzzjoni. Fir-rigward ta' dawn il-miżuri, il-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni trid titlob l-eżekuzzjoni rilevanti f'kull każ individwali. Pereżempju, fil-każ ta' sekwestru ta' proprjetà mobbli jew immobbli, jintalab irkant. Il-pagament lill-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni jsir bil-flus li jinkisbu mill-irkant. F'każijiet oħra, pereżempju meta l-ordni tkun tikkonsisti minn konsenja ta' proprjetà lill-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni (bħal żgombro minħabba nuqqas ta' ħlas tal-kera), il-miżuri ta' eżekuzzjoni jkunu jikkonsistu mill-għoti lura tal-pussess tal-proprjetà lill-parti li tkun qed titlob eżekuzzjoni, hekk kif il-kerrej li jkun qiegħed jikser il-kuntratt ikun żgumbrat mill-proprjetà.

### 5 Hemm possibiltà li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?

Madankollu, id-debitur kanonizzat jista' joġġezzjona ladarba l-eżekuzzjoni tkun ġiet innotifikata. F'dan il-każ, isiru l-proċedimenti ta' oġġezzjoni indikati hawn fuq. L-oġġezzjoni tista' tkun għal raġunijiet sostantivi jew abbażi ta' difetti proċedurali. Ir-raġunijiet għall-oġġezzjoni jvarjaw skont it-titolu li għandu jiġi eżegwit (kif previst fl-Artikoli

556 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, skont jekk tkunx deċiżjoni proċedurali maħruġa mill-imħallef jew mir-reġistratur, deċiżjoni ta' arbitraġġ jew ftehim ta' medjazzjoni; titoli massimi ta' penali ordnati fi proċedimenti kriminali relatati ma' inċidenti tat-traffiku; it-titoli msemmija fil-punti 4, 5, 6 u 7 tal-Artikolu 517 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif ukoll dokumenti eżegwibbli oħra msemmija fin-Nru 9 tal-Artikolu 517(2). L-oġġezzjonijiet ibbażati fuq pretensjoni eċċessiva jew fuq difetti proċedurali huma rregolati mill-Artikoli 558 u 559 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, rispettivament). Għandu jitqies il-fatt li l-qorti għandha mnejn kienet preċedentement qajmet uħud minn dawn ir-raġunijiet fuq inizjattiva proprja (per eżempju, jekk il-qorti tikkunsidra li xi klawnsola inkluża f'titolu eżekuttiv li jikkonsisti f'ċertifikati, strumenti jew atti pubbliċi awtentikati tista' tkun inġusta, hija obligata li taġixxi *ex officio* billi tisma' lill-partijiet dwar il-kwistjoni u wara dan toħroġ deċiżjoni). Il-partijiet jistgħu jappellaw kontra t-titolu maħruġ mill-Qorti tal-Prim'Istanza bħala reazzjoni għar-raġunijiet għall-oġġezzjoni. L-appell jinstema' mill-Qorti Provinċjali rilevanti.

## 6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitur jew preskrizzjonijiet?

Għaldaqstant, miżura ta' eżekuzzjoni bbażata fuq sentenza jew deċiżjoni tal-qorti, deċiżjoni tar-reġistratur li tapprova soluzzjoni bil-qorti jew ftehim mil-ħuq matul il-proċedimenti, jew deċiżjoni ta' arbitraġġ jew ftehim ta' medjazzjoni, tiskadi jekk it-talba korrispondenti ta' eżekuzzjoni ma tkunx ippreżentata fi żmien ħames snin minn mindu s-sentenza jew id-deċiżjoni ssir finali (l-Artikolu 518 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Hemm ukoll perjodu ta' stennija qabel ma tinbeda l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ta' proċedura (mill-imħallef jew mir-reġistratur) jew tad-deċiżjonijiet ta' arbitraġġ jew inkella tal-ftehimiet ta' medjazzjoni. Dan il-perjodu huwa bil-ħsieb li jagħti l-ħin lid-debitur kanonizzat biex jikkonforma volontarjament mal-ordni, u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa li min jirbaħ il-kawża jkollu japplika għall-eżekuzzjoni. B'hekk, l-ebda eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ta' proċedura jew ta' arbitraġġ jew ta' ftehimiet ta' medjazzjoni ma tiġi ordnata fi żmien 20 jum mid-data li fiha l-kundanna tkun saret finali, jew li fiha n-notifika tad-deċiżjoni għall-approvazzjoni jew għall-iffirmar tal-ftehim tkun ingħatat lid-debitur kanonizzat (l-Artikolu 548 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Fl-aħħar mill-aħħar, dan il-perjodu ta' stennija huwa intiż biex iħeġġeġ il-konformità volontarja mid-debitur kanonizzat.

Kif spjegat aktar 'il fuq fil-punt 4.1, fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili hemm stipulat li għall-protezzjoni tad-debitur, ċerti assi ma jistgħux jiġu ssekwestrati, u hemm stipulati wkoll limiti kwantitattivi proporzjonali għas-sekwestru tas-salarji, pagi, remunerazzjoni jew pensjonijiet.

Fl-irkant tal-proprjetà, il-bejgħ lill-offerent bl-ogħla offerta jrid isir għal ammonti minimi fi proporzjon mal-valur evalwat tal-assi jew mal-ammont tad-dejn. Dawn il-limiti għall-protezzjoni tad-debitur ikunu ogħla jekk tkun irkantata r-residenza abitwali tad-debitur (l-Artikoli 670 u 671 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili).

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistabbilixxi wkoll li, bħala regola ġenerali, ma tistax issir eżekuzzjoni tal-imgħax fuq is-somma tal-kapital dovut u fuq l-ispejjeż proċedurali għal ammont li jaqbeż it-30 % tas-somma tal-kapital (l-Artikolu 575 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Meta l-eżekuzzjoni ssir kontra r-residenza abitwali, l-ispejjeż li jista' jirreklama d-debitur kanonizzat ma jistgħux jaqbz u l-5 % tal-ammont irreklat fit-talba ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 575 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Fil-prekluzjonijiet tad-dritt ipotekarju, u għad-debituri li l-qagħda soċjali u finanzjarja tagħhom tkun partikolarment vulnerabbli, l-iżgumbrament mir-residenza abitwali jiġi pospost (l-Artikolu 441 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Skont l-Artikoli 55 sa 57 tal-Liġi dwar l-Insolvenza (*Ley Concorsal*), l-ordnijiet ta' eżekuzzjoni individwali ma jistgħux jiġu eżegwiti ladarba jkun ġie iddikjarat il-falliment, billi l-imħallef li jkun qed jippresjedi l-proċedimenti ta' falliment ikollu l-kompetenza esklużiva fir-rigward tal-eżekuzzjoni kontra l-parti insolventi; l-għan huwa li jiġi evitat li xi kredituri jingħataw trattament preferenzjali meta mqabbla ma' oħrajn.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.

L-aħħar aġġornament: 03/02/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.